MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 853/2007

**Nutar Dr Carmelo Lia ID 206532(M)**

**vs**

**George u Carmen konjugi Muscat u Carmelo sive Lino Abela L.P.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta Ottubru 2007, fejn intalab sabiex il-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom ihallsuh is-somma ta Lm400 illum ekwivalenti ghal €932 (disa' mija u tnejn u tletin ewro) rapprezentanti valur ta servizzi lilhom rezi fuq abbozz ta' konvenju u spejjes ohra relatati bhal ricerki kif jirrizulta mill-ittra nterpellatorja annessa u markata Dok B u kif ukoll mill-istess abbozz esebit u markat Dok A;

Ra r-risposta tal-konvenut Lino Abela datata 14 ta Dicembru 2007 fejn ikkontesta t-talba attrici ghal diversi ragunijiet li huma s-segwenti cioe:

(1) li kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li skond il-ftehim abbozzat l-ispejjes kollha relatati kellhom jithallsu mill-konvenut l-iehor;

(2) illi kwindi l-konvenut Abela ma kienx debitur tal-attur;

(3) li l-abbozz tal-konvenju esebit bhala Dok A kien inkomplet;

(4) li huwa qatt ma rcieva r-reminder tal-ittra datata 6 ta' Settembru 2007 li allegatament intbghatet fit-30 ta Settembru 2007;

(5) illi ghalhekk l-ispejjes ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Muscat u;

(6) b'riserva ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-konvenuti konjugi Muscat datata 18 ta' Dicembru 2007 li wkoll ikkontestaw it-talba attrici fis-sens li huma wkoll ma ghandhomx jigu meqjusa bhala l-legittimi kontraditturi u kwindi kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; illi fil-fatt l-attur kien qed jagixxi fuq struzzjonijiet tal-konvenut Abela biss u li l-ammont mitlub kellu jigi kkunsidrat bhala wiehed ezagerat.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensura tal-partijiet.

Ikkunsidra.

L-attur, li huwa Nutar Pubbliku, spjega kif huwa kien gie mghajjat mill-konvenut Abela sabiex jirrediegi konvenju ta' bejgh ta' immobbli fejn il-konvenut Abela kien sejjer ibiegh lilll-konvenut l-iehor Muscat. L-ewwel laqgha saret fid-dar ta Abela fejn kien hemm prezenti anke l-konvenut l-iehor Muscat. F'dan l-inkontru, l-attur sema d-diskussjoni li saret

bejn il-konvenuti dwar l-eventwali kondizzjonijiet tan-negozju fuqhiex huwa kellu jikteb il-konvenju relattiv. In vista tal-kondizzjonijiet pattwiti u stante li kien si tratta ta' bejgh ta' subdirett dominju, l-attur hass li qabel xejn kellu jordna li jsiru certa ricerki qabel ma jabbozza l-konvenju ta' bejniethom. Huwa jafferma li dawn ir-ricerki hadulu hafna xoghol pero meta hareg bl-abbozz tal-konvenju huwa ghadda kopja liz-zewg konvenuti. Filwaqt li r-rejazzjoni ta' Abela ghall-konvenju redatt kien qiehed posittiv, il-konvenut Muscat qatt ma tah ir-rejazzjoni tieghu dwar l-istess. Saret ukoll xi laqgha ghand il-Professur Mifsud Bonnici fejn kienu prezenti, l-istess attur, il-konvenut Muscat fl-imkien mal-avukat tieghu Dr Cilia. Skond l-attur il-kwistjoni li nqalghet kienet semplicement li l-konvenut Muscat ma xtaqx ihallas depositu ta ghaxra fil-mija fuq il-prezz miftiehem mal-iffirmar tal-konvenju w kien minhabba f'hekk li n-negozju ta' bejn il-konvenuti ma gie qatt konkluz.

In kontro-ezami, l-attur jispjega li l-ammont minnu rikjest jinkludi kemm spejjes u kif ukoll drittijiet. Kompla jelabora li ghalkemm huwa l-akkwirent li legalment huwa tenut li jhallas tali spejjes, huwa pero sejjah lill-konvenut Abela f'dawn il-proceduri peress illi huwa dan ta' l-ahhar li kien inkarikah biex jirrediegi l-konvenju.

In kontro-ezami l-attur jikkonferma li huwa qatt ma kien hadimlu lill-konvenut Muscat u li huwa kien gie mitlub jassisti professjonalment mill-konvenut l-iehor Abela li kien ilu jafu ghal zmien twil u gieli hadimlu. Jispjega li r-ricerki minnu esekwiti kienu saru kemm fuq Abela u kif ukoll fuq l-antenati tieghu fit-titolu certu Bezzina. Jghid li dawn ir-ricerki kienu swewlu Lm100 pero ma setax jipproduci l-ircevuta relattiva peress li kien ghadda hafna zmien. Jafferma li r-ricerki relattivi kien ghaddihom lil Muscat fl-imkien mal-abbozz tal-konvenju u dana wara li r-ricerki kien gia ghaddihom minn qabel lil Abela u dan ta' l-ahhar ghaddihomlu lura.

Il-konvenut Abela jistqarr illi huwa kien informa lill-konvenut Muscat li ghalkemm kien qed jinsisti li n-negozju ta' bejniethom kellu jigi mahdum minn-Nutar tieghu cioe

ta' Abela, pero l-ispejjes relattivi kellhom jithallsu mill-istess Muscat u fil-fatt dan ta' l-ahhar kien accetta tali arrangement. In kontro ezami jafferma li ghalkemm ma jiftakarax l-inkontru d-dar tieghu man-Nutar Lia u ma Muscat, huwa iddikjara li jaccetta l-kelma tal-attur f'dan ir-rigward.

In kontro-ezami jikkonferma li kien huwa li qabbad lill-attur bhala n-Nutar tieghu u dana precizment il-ghaliex ma kellux hin x'jahli joqghod jigri wara avukati u nutara. Jafferma li huwa qatt ma ghadda ricerki lin-Nutar u kwindi dak li kellu n-Nutar ghamlu kollu hu. Jghid ukoll pero li n-Nutar qatt ma ghaddielu ricerki – tah biss l-abbozz tal-konvenju kif kien redatt fil-forma originali tieghu u kif ukoll kopja ohra kif emendat. Meta mistoqsi jekk in-Nutar Lia kienx awtorizzat jordna r-ricerki wkoll, dan ix-xhud cioe l-konvenut Abela jirrispondi li lin-Nutar Lia "tajtu l-inkariku kollu bl-iktar mod assolut, jaghmel dak li jkun hemm bzonn".

L-avukat Chris Cilia, l-konsulent legali tal-konvenut Muscat ipprezenta affidavit tieghu stess in sostenn tat-tezi tal-patrocinat tieghu fejn stqarr is-segwenti fatturi li huma rilevanti ghal kaz odjern.

Jafferma li l-klijent tieghi kien avvicina lill-konvenut Abela sabiex jixtri minghandu is-sub dirett dominju ta' proprjeta immobbiljari u dana peress illi l-istess Muscat kien ser jasal f'akkordju li jixtri l-utile dominju tal-istess immobbli minnghand l-utilista. Muscat informah ukoll li ghalkemm kien ser jibqa juza s-servizzi ta l-avukat tieghu, Abela kien qed jinsisti li n-negozju jigi fformalizzat mill-attur li kien in-nutar ta' fiducja tal-konvenut Abela. L-avukat Cilia jikkonferma li l-klijent tieghu cioe Muscat kien ircieva l-abbozz tal-konvenju minnghand l-attur u peress li xtaq li jsiru xi emendi fih, id-dikjarant beda jikkomunika mal-Professur Mifsud Bonnici ghal dan il-ghan stante li dan ta' l-ahhar kien qed jagixxi bhala l-konsulent legali tal-konvenut Abela. Saret laqgha wkoll ma l-istess Professur mnejn irrizulta li l-partijiet ma kienux sejrin jaslu ghal ftehim konklussiv. Wara din il-laqgha mal-Professur, il-konvenut Muscat u d-dikjarant kienu ltaqghu wkoll

f’laqgha ohra mal-attur fuq talba ta’ dan ta’ l-ahhar fliema laqgha ma rrizulta xejn sinifikanti.

Il-konvenut George Muscat ressaq ix-xhieda tieghu tramite affidavit fejn ikkonferma n-negozju mahsub ma Abela. Ikkonferma wkoll li huwa kien ser jibqa jaghmel uzu mis-servizzi tal-avukat tieghu Dr Cilia ghalkemm il-konvenut Abela insista li jitqabbad in-nutar ta’ fiducja tieghu cioe l-attur. Jafferma li huwa qatt ma nkarikah jaghmel xejn lill-attur fuq dan in-negozju ghalkemm dan ta’ l-ahhar kien ghaddielu l-abbozz tal-konvenju li in segwitu gie mghoddi lil Dr Cilia ghal kummenti legali tieghu. Jikkonferma li l-iskrittura redatta mill-attur kif emendata minn Dr Cilia kienet intbghatet lil Professur Mifsud Bonnici bhala l-konsulent legali tal-konvenut Abela pero n-negozju baqa qatt ma gie konkluz peress illi ma kienx hemm qbil fuq certa kondizzjonijiet essenzjali. In segwitu il-konvenut Muscat flimkien ma Dr Cilia kienu ltaqghu ghand l-ufficcju tal-attur pero xorta wahda n-negozju baqa ma giex konkluz.

In kontro-ezami Muscat jafferma li Abela kien bghatu ghand in-Nutar Lia sabiex jipprepara l-abbozz tal-konvenju fl-eventwalita li n-negozju jigi maghqud. Illi ghalhekk Muscat ikkontradixxa lilu nnifsu meta in ezami kien qal li l-ewwel u l-unika darba li ltaqa ma l-attur kien fl-okkazzjoni meta mar mal-Avukat Cilia wara l-inkontru li kellhom mal-Profs Mifsud Bonnici. Ghalkemm jafferma li man-Nutar qatt ma tkellem dwar spejjes, pero jigi notat li bhala bniedem li kienu ilu f’dan in-negozju u kif ukoll kif jirrizulta mill-abbozz tal-konvenju huwa messu kien ben konsapevoli tal-fatt li tali spejjes notarili jithallsu mill-akkwirent. Fil-fatt ma jidhirx li l-problema li nqalghet fuq l-abboz tal-konvenju kienet titratta dwar tali spejjes u drittijiet notarili. Ghalkemm setghu ssemmew li jridu jsiru ricerki, il-konvenut Muscat jinsisti li l-partijiet kienu ghadhom ferm il-boghod fit-trattattivi sabiex dawn jigu ordnati. Fl-istess hin pero wiehed jinnota li t-trattattivi kienu certament waslu sal-punt li jinkiteb u li jigi diskuss abbozz ta’ konvenju.

In kontro-ezami dan il-konvenut cioe Muscat jibqa jrendi ruhu mhux daqstant kredibbli meta kompla iwiegeb b'mod vak ghal diversi domandi li sarulu in kontro-ezami. "jista jkun li hallieli dawn id-dokumenti" "il-karti li hallieli Dr Lia jista jkun li tajthom lil Dr Chris Cilia u jista jkun hallejthom l-ufficcju". In ri-ezami mbaghad jerga jipprova jmur lura ghal dak li qal in ezami u cioe li fl-ufficcju ta Dr Lia kien mar ma Dr Cilia. Skond Dr Cilia din il-laqgha saret wara l-inkontru mal-Profs Mifsud Bonnici mentri skond Muscat in ezami din il-laqgha saret fuq stedina tal-konvenut Abela sabiex l-attur jibda bl-inkariku u allura certament qabel l-inkontru mal-Professur.

In ri-ezami jinsisti li certament ma nghatax ricerki mentri ftit qabel kien ghadu kemm qal li l-attur seta hallielu xi dokumenti cioe mhux semplicement abbozz ta konvenju.

Il-konsulenti legali rispettivi tal-konvenuti, fl-osservazzjonijiet finali taghhom jitfghu l-piz ta' hlas fuq xulxin. L-avukat ta' Abela argumentat li legalment u skond klawsola tal-abbozz tali spejjes kellhom jithallsu minn Muscat filwaqt li l-konsulent legali ta' Muscat affermat li n-Nutar kien gie nkarikat minn Abela u mhux minn Muscat. Iz-zewg avukati t-tnejn pero resqu l-argument li l-attur ma ressaqx provi soddisfacenti dwar l-ispejjes reklamati fuq ir-ricerki.

Illi ghalkemm huwa minnu li gie ppruvat ex admissis da parti tal-konvenut Abela u da' parti ta l-istess attur li dan ta' l-ahhar kien inkarikat originarjament minn Abela pero daqstant iehor irrizulta li Muscat ma kellu ebda oggezzjoni jew rizerva li l-ftehim jigi formalizzat mill-attur tant li l-konvenju abbozzat li kien qed jigi diskuss fil-fatt gie redatt mill-attur. Il-fatt li l-abbozz jitkellem dwar hlas ta' l-ispejjes a kariku tal-konvenut Muscat ma tfisser xejn peress illi dan baqa qatt ma gie ffirmat.

Illi ghalkemm huwa minnu li n-Nutar naqas li jipproduci l-ircevuta relattiva dwar l-ispejjes tar-ricerka, dan it-Tribunal jista xorta wahda jasal biex jakkordalu tali spejjes fuq bazi ta ekwita u dana peress ukoll li t-Tribunal jaghzel biex jaghti aktar kredibbilita lill-attur li jistqarr li certu ammont

ta' ricerki fil-fatt kienu saru biex seta jirrediegi l-abbozz tal-konvenju.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijjiet taz-zewg konvenuti, kwindi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti sabiex f'sehem indaqs bejniethom ihallsuh is-somma mitluba ta' €932 (disa' mija u tnejn u tletin ewro) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess konvenuti wkoll f'sehem indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------